MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2007

Mandat Numru. 1185/2007/1

**Tabone Computer Centre Limited**

**-vs-**

**Onor. Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, Onor. Ministru ghall-Investiment, Industrija u Teknologija ta' l-Informazzjoni, Direttur Generali (Kuntratti), Malta Information Technology and Training Services Limited**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors;

Rat ir-risposta;

Rat id-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri;

## Talba

Ir-rikorrent qed jitlob li dina l-Qorti izomm lill-intimati mill-jiffinalizzaw, jaggudikaw jew b'mod iehor jiddeterminaw u/jew jikkonkludu b'mod definitiv il-process tat-*tendering* mahrug mill-MITTS numru M 390/07 "*leasing of personal computer/laptops and workstation support services – invitation to tender*".

L-intimati qed jopponu dina t-talba.

## Kontestazzjoni

Ir-rikorrent qed jikkontendi li hu ghandu dritt li jittenderja f'dan il-process mahrug mill-Mitts, u ghalhekk hu ghandu *prima facie* jedd x'jikkawtela bil-hrug ta' dan il-mandat.

Barra minn hekk ir-rikorrent jghid li hu mhux biss ghandu dritt li jittenderja imma ghandu dritt li jaghmel dan, bl-aqwa mod u bl-aktar mod kompetitiv u b'aqwa prodott, izda dan ma hux possibbli ghalih minhabba cirkostanzi li m'ghandux kontroll fuqhom billi l-prodott in kwistjoni, f'qasir zmien, isir *obsolete*. Inoltre ghal istess raguni, anke kieku ittenderja qabel ma gie sospiz il-process, hu l-istess ma setghax jonora t-*tender*. Ir-rikorrenti ghalhekk isostni li fil-perjodu qasir moghti lilu mill-intimati biex jittenderja, u minhabba ragunijiet estraneji ghalih, hu fizikament impossibbli ghalih li jinttenderja. Minhabba f'hekk hemm bzonn li jinhareg il-mandat, biex jinghata estenzjoni ha jkun jista' jittenderja kif suppost.

Fl-ahharnett ir-rikorrent jikkontendi li jekk it-talba ghal-hrug tal-mandat ma tintlaqax hu se jigi pregudikat aktar mill-intimati u jibqa' bla rimedju darba ghal dejjem. Hu jsostni li ma hemmx sproporzjon jekk it-*tender* jigi estiz ghal xahar iehor u jekk ma jinghatax l-opportunita' li jittenderja.

L-intimati ma jaqblux li r-rikorrent ma jistax jew ma setghax jittenderja billi kellu opportunita' bizzejjed li

jaghmel hekk meta gie sospiz il-process wara li ntlaqghet provizorjament l-ewwel talba tal-GRTU ghal hrug tal-mandat. Inoltre jissottomettu li mhux minnu li dawn il-prodotti jsiru *obsolete* f'xaghrejn.

**Ligi**

Skop tal-mandat.

**873.** (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

**Ezami tal-qorti**.

(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

(3) Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Ghalhekk iz-zewg elementi rikjesti biex jinhareg il-mandat huma li r-rikorrent juri li jidher li hu ghandu, mad-daqqa t'ghajn (*prima facie*) jedd x'jikkawtela u li l-mandat hu mehtieg biex jithares dan il-jedd.

Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternativi, jigifieri li jekk wiehed minn dawn iz-zewg elementi huwa nieqes, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal-hrug tal-mandat.

## Konsiderazzjoni

Jirrizulta mid-dokumenti ezibiti li l-Gvern permezz tal-MITTS kien ippubblika u hareg sejha ghall-offerti M 390/07 li d-data originali ta' l-eghluq tad-*tender* kien is-6 ta' Gunju 2007. Dan il-process ta' *tendering* kien gie sospiz gurnata qabel l-eghlug tieghu meta l-GRTU, (u Joe Tabone li taghha hu membru), kienet talbet u ottjeniet provvizorjament l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati. Sadanittant l-offerti kienu gew fil-parti l-kbira finalizzati. Fis-27 ta' Lulju 2007 l-Qorti Civili cahdet definittivament ir-rikors ghal hrug tal-mandat u l-intimati MITTS iffissaw d-data tal 10 ta' Awissu 2007 bhala d-data l-gdida ta' l-eghluq tal-process ta' *tendering*, u sa dan iz-zmien kellhom jigu emendati u jew finalizzati l-offerti.

Ir-rikorrent qed jilmenta li f'dan iz-zmien daqshekk qasir ma jistax jittenderja bl-aqwa prodott billi t-thejjijiet ghat-*tender document* li kien ghamel xaghrejn ilu issa gew *obsolete* stante li f'dinja dinamika u evoluttiva bhala ma hi dik tal-IT hargu mudelli godda u l-mudelli li kien se jippartecipa bihom lanqas ghadhom jigu prodotti.

Il-Qorti tirrileva li r-rikorrent qatt ma gie michud lilu d-dritt li jittenderja f'dan il-process. Meta nhareg it-*tender* fil-bidu, r-rikorrent kien f'posizzjoni li jittenderja bhal ma ghamlu *tenderers* ohra u f'dak il-perjodu ma jidhirx li r-rikorrenti kellu xi problema fuq il-prodott li kien ser joffri. Jidher li l-problemi kienu ohrajn. Il-problema prezenti jidher li nqalghet wara li l-process gie sospiz fuq talba tal-GRTU stess u dam sospiz ghal xaghrejn u wara li t-talba tal-GRTU giet michuda. Kien biss wara dak l-istadju li r-rikorrent hass li l-prodott li kien se joffri ma kienx idoneju u li ma setghax jippartecipa bl-ahjar mod u li ma kellux zmien bizzejjed biex jaghmel l-offerta' tieghu.

Il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent kien f'posizzjoni, bhal ma kienu *tenderers* ohra, li f'dawk ix-xaghrejn jiehu hsieb biex jaghmel l-arrangamenti u preparamenti kollha necessarji biex meta jerga jitkompla l-process hu jkun f'posizzjoni li

joffri l-aqwa prodott bhal ma ghamel haddiehor. Haga pero' li r-rikorrent jidher li ma ghamilx.

Il-Qorti ma tistax taccetta li f'xaghrejn, il-prodott li kien ser jittenderja bih ir-rikorrent isir *obsolete*. It-*tenderers* l-ohra kienu fl-istess posizzjoni tar-rikorrent u ma jidhirx li dawn kellhom diffikolta simili. Wara kollox skond it-*tender document* il-prodott "*had to be deployed over a period of 12 months*" ghalhekk wiehed jipprezumi li f'dak il-perjodu l-prodott offrut kellu jibqa' tajjeb. Hadd ma jixtri prodott b'*life span* daqshekk qasira.

Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li l-fatt li r-rikorrent jghid li hu m'ghandux zmien bizzejjed biex jaghmel offerta' mhux bizzejjed biex il-Qorti issib li r-rikorrent ghandu mad-daqqa t'ghajn dritt x'jikkawtela.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi r-rikorrent m'ghandux *prima facie* dritt x'jikkawtela
Tichad it-talba
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------